**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 14 ta' Marzu, 2016**

**Citazzjoni Nru: 251/2006 AF**

**J & C Contractors Limited (C 1836)**
**u b'digriet tal-Qorti tal-14 ta' Frar 2007, il-Qorti laqghet it-talba u tordna li fejn hemm 'Contractors' isir 'Contracts'**

**vs**

**Paul Debattista**
**u b'digriet tal-Qorti tal-4 ta' Mejju 2006, gie kjamat fil-kawza John Debattista**

**u b'digriet tal-Qorti tas-6 ta' Gunju 2006 gie kkonfermat John Debattista bhala kuratur biex jirrapprezenta lill-assenti huh Paul Debattista**

**u b'digriet tal-Qorti tat-22 ta' Jannar 2009 giet kjamata fil-kawza MDP Limited**

**kif ukoll b'digriet tat-12 ta' Frar 2009 giet kjamata fil-kawza s-socjetà Medart Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi li ġie ppreżentat fl-24 ta' Marzu 2006 li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Permezz ta' kuntratt ta' appalt datat tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu tas-sena elfejn u hamsa (2005) bejn il-kontendenti, s-socjetà attrici obbligat ruhha li tibni blokka kummercjali li tikkonsisti fi tlett sulari that il-livell tat-triq u tlett sulari ohra il-fuq mit-triq, kif ukoll obbliga ruhu li jlesti x-xogholijiet sat-tmiem u li ma jkunx aktar tard minn sitt xhur minn meta jinbeda x-xoghol.

Permezz tal-istess kuntratt ta' appalt, il-konvenut obbliga ruhu li jhallas lis-socjetà attrici l-kont kif mahrug mill-Perit sa mhux aktar tard minn tletin gurnata wara d-data tal-kont u f'kaz li dan ma jsirx, il-kuntrattur ikollu dritt jieqaf milli jkompli x-xoghol.

Ix-xogholijiet miftehma kellhom jigu esegwiti gewwa site maghruf bin-numri 126/126A/127 li jinsab fi Pjazza Paola - Rahal Gdid.

Waqt li kienu qeghdin jigu esegwiti x-xogholijiet miftehma taht id-direzzjoni tal-Perit inkarigat mix-xogholijiet, nhar l-10 ta' Gunju 2005, is-socjetà attrici giet mwaqqfa mill-ufficcjali tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar milli tkompli bix-xogholijiet, stante li skond l-ufficcjali li marru fuq il-post, ix-xogholijiet ma kienux skond il-permessi mahruga mill-istess Awtorità, u konsegwentement inharget 'enforcement notice' sabiex ma jitkomplewx ix-xogholijiet li kienu qeghdin isiru. Inoltre, Joseph Chetcuti fil-kwalità tieghu ta' direttur tas-socjetà attrici gie mwissi mill-ufficjali tal-Awtorità tal-Ippjanar li kemm il-darba huwa jipprocedi bix-xogholijiet kien ser jigi mmultat u jittiehdu proceduri kriminali kontra tieghu, u fic-cirkostanzi kien kostrett li jieqaf.

Sabiex ix-xogholijiet in kwistjoni jkunu jistghu jigu esegwiti, s-socjetà attrici kienet indahlet li tikri 'Tower crane' ghas-somma ta' ghoxrin Lira Maltin (Lm20) kuljum, u dana t-'Tower crane' ntrama fuq is-site waqt l-esekuzzjoni tal-istess xogholijiet.

Minkejja kollox il-konvenut naqas ukoll illi jhallas lis-socjetà attrici s-somma kumplessiva ta' tlett elef u hames mitt Lira Maltin (Lm3500) rapprezentanti l-prezz bilancjali ghal dawk x-xogholijiet li kienu lahqu gew esegwiti u dana skond kif ccertifikati mill-Periti Sant & Mugliette li kienu qeghdin jiehdu hsieb x-xogholijiet in kwistjoni.

In oltre, già la darba l-konvenut naqas illi jhallas fiz-zmien tletin gurnata kif provdut f'artikolu hamsa (5) tal-kuntratt ta' appalt, is-socjetà attrici kellha kull dritt li tieqaf milli tkompli bl-esekuzzjoni x-xogholijiet.

Il-konvenut kiser il-kundizzjonijiet tal-Kuntratt ta' Appalt minhabba li fl-ewwel lok ma kienx kiseb il-permessi rikjesti mill-Awtoritajiet koncernati ghax-xogholijiet li talab lis-socjetà attrici tesegwixxi, b'dan illi s-socjetà attrici kienet kostretta li tieqaf mix-xogholijiet bla ebda htija u tort, u kif ukoll fit-tieni lok il-konvenut naqas li jhallas entro t-terminu miftiehem il-prezz bilancjali tax-xogholijiet esegwiti kif kienu certifikati mill-Periti Sant & Mugliette inkarigati fuq il-progett mill-konvenut stess.

In segwitu ghall-'enforcement notice' mahruga mill-Awtorità tal-Ambjent u Ippjanar sabiex jieqaf x-xoghol, is-socjetà attrici qatt ma nghatat struzzjonijiet mill-periti inakrigati mix-xogholijiet sabiex jitkomplew x-xogholijiet skond kif provdut ai termini tal-artikolu erba (4) tal-Kuntratt ta' Appalt.

Oltre il-prezz bilancjali dovut ghax-xogholijiet esegwiti kif fuq inghad, b'konsegwenza ta' non osservanza tal-kundizzjonijiet kuntrattwali bejn il-partijiet kif ukoll minhabba li l-konvenut naqas li jottjeni l-permessi necessarji tal-Awtorità koncernata ghal tali xogholijiet kif kien fl-obbligu li jaghmel, is-socjetà attrici sofriet danni sostanzjali li jammontaw ghal sebat elef, disa' mija u tnejn u tmenin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm7982.80), u dana kif ser jigi spjegat dettaljament fil-mora u t-trattazzjoni tal-kawza.

Intalbet din il-Qorti biex:

(1) Tiddikjara li l-konvenut kiser il-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' appalt datat 22 ta' Marzu 2005 (Dok. JC1).

(2) Tiddikjara x-xoljiment tal-Kuntratt ta' Appalt datat 22 ta' Marzu 2005.

(3) Tiddikjara li l-konvenut ghandu jhallas lis-socjetà attrici s-somma ta' tlett elef u hames mitt Lira Maltin (Lm3500) rapprezentanti l-prezz bilancjali ghal xogholijiet esegwiti u certifikati mill-Periti inkarigati mix-xogholijiet.

(4) Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lis-socjetà attrici s-somma hawn fuq imsemmi ta' tlett elef u hames mitt Lira Maltin (Lm3500).

(5) Tiddikjara illi minhabba tortijiet imputabili unikament lill-konvenut, is-sojcetà attrici sofriet danni fis-somma kumplessiva ta' sebat elef, disa' mija u tnejn u tmenin Lira Maltin u tmenin centezmu (Lm7982.80).

(6) Tikkundanna lill-konvenut ihallas ukoll lis-socjetà attrici, is-somma ta' sebat elef, sida' mija u tnejn u tmenin Lira Maltin u tmenin centezmu (Lm7982.80) in liena ta' danni soferti mis-socjetà attrici.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tat-8 t'a Jannar 2006, bl-imghax legali dekoribbli mid-data tal-istess ittra, u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' John Debattista *pro et nomine* li ġiet ippreżentata fid-9 ta' Ġunju 2006 fejn gie eccepit illi:

In linea preliminari, l-eccipjenti John Debattista proprio ma huwiex legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li huwa mhuwiex parti ghall-kuntratt ta' appalt tat-22 ta' Marzu 2005, mertu ta' dana l-kawza.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-

talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-ammont mitlub ma huwiex dovut u dan in vista tad-danni li s-socjetà attrici ikkagunat lill-eccipjenti, hekk kif dedott fil-kontro-talba li qed tigi kontestwalment ipprezentata.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut John Debattista li taqra hekk:

John Debattista, fil-kwalità tieghu ta' Kuratur ta' huh Paul Debattista jesponi bir-rispett, u bil-gurament tieghu jikkonferma dan li gej, liema fatti huwa jiddikjara li jaf bihom personalment:

1. Illi Paul Debattista kien gie inkarigat mis-socjetajiet Medart Limited u MPD Limited, ta' liema socjetajiet l-ahwa Debattista, ghajr ghall-istess Paul Debattista, huma azzjonisti, sabiex imexxi x-xoghol ta' kostruzzjoni fil-fondi bin-numri mija u sitta u ghoxrin (126), mija u sitta u ghoxrin ittra "A" (126A) u mija u sebgha u ghoxrin (127) fi Pjazza Paola, Paola, liema fondi huma proprjetà tal-imsemmija socjetajiet kummercjali.

2. Permezz ta' skrittura privata tat-22 ta' Marzu 2005, is-socjetà rikonvenzjonata kienet intrabtet li twettaq xoghol ta' appalt fl-imsemmija siti.

3. Illi l-istess socjetà abbandunat ix-xpgholijiet f'Jannar tal-2006 u naqset milli tkompli tesegwixxi l-obbligi taghha skond l-imsemmi kuntratt.

4. Illi inoltre kien hemm arrangamenti mal-girien sabiex isiru xi xogholijiet li jaffettwaw il-beni taghhom, ghal-liema arrangamenti, kienu stipolati l-penali.

5. Illi sabiex jitkomplew dawn ix-xogholijiet minn kuntrattur

iehor wiehed ikun irid ikompli fuq ix-xoghol li ghamel ta' qablu u dan allura jimplika aktar responsabbilità u konsegwentement aktar spejjez.

Illi r-raguni li fuqha hi msejjsa t-talba hi li bl-azzjoni taghha, is-socjetà attrici, meta abbandunat l-applat lilha moghti mill-konvenut rikonvenzjonat, irrekat danni lill-istess konvenut rikonvenzjonat.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-irspett, illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opprtuni,

1. Tiddikjara illi s-socjetà rikonvenzjonata abbandunat il-kuntratt ta' appalt li hija kellha ma' Paul Debattista tat-22 ta' Marzu 2005 u li tali abbandun ikkawza danni lill-istanti.

2. Tillikwida d-danni subiti, bl-opera, occorrendo, ta' periti nominandi.

3. Tordna lis-socjetà attrici rikonvenzjonata thallas l-ammont hekk likwidat.

Bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjetà rikonvenzjonata, li minn issa hija ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Joseph Chetcuti (ID 435069M) għan-nom u fl-interess tas-soċjetà rikonvenzjonata J&C Contractors Ltd (C1836) għall-kontro-talba ta' John Debattista fil-kwalità tiegħu ta' kuratur ta' ħuh Paul Debattista, li ġiet ippreżentata fil-5 ta' Lulju 2006 fejn gie eccepit illi:

In linea preliminari l-eccipjenti ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjetajiet Medart Limited u MPD Limited stante li hija qatt ma trattat jew innegozjat maghhom, u l-konvenut rikonvenzjonant qatt ma informa lis-socjetà rikonvenzjonata li l-proprjetà hija ta dawn is-socjetajiet, anzi dejjem ipprezenta ruhu flimkien ma' huh Paul Debattista fil-kwalità personali taghhom.

Ghalhekk kemm il-darba l-proprjetà u l-progett in kwistjoni

jappartjenu lil dawn z-zewg socjetajiet, il-kontro-talba hija bla bazi guridika, stante li Paul Debattista f'ismu proprju ma ghandux locus standi f'dawn il-proceduri.

Bla pregudizzju ghall-premess is-socjetà attrici rikonvenzjonata kellha ragunijiet validi fil-ligi li tabbanduna l-kuntratt ta' appalt u dana minhabba non-osservanza tal-obbligazzjonijiet kuntrattwali emergenti mill-kuntratt ta' appalt bejn il-partijiet tat-22 ta' Marzu 2005, u kif ukoll minhabba li kienet qeghda ssofri danni inutili u bla bzonn minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut rikonvenzjonant u huh John Debatista, dana kif ser jigi ppruvat dettaljament waqt il-mora tal-kawza.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjetà rikonvenzjonata ma kkawzat ebda danni lill-konvenut rikonvenzjonant Paul Debattista u anqas lil kwalsiasi socjetajiet kummercjali minnu rapprezentanti, imma kuntrarjament kien l-imsemmi Paul Debattista u huh John Debattista li kkawzaw danni lis-socjetà rikonvenzjonata kif ser jigi ppruvat.

Subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess kwalsiasi danni li qieghed jallega li sofra l-konvenut rikonvenzjonant ghandhom dejjem jigu ppruvati u mhux sempliciment allegati.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà kjamata fil-kawża MPD Ltd li ġiet ippreżentata fit-28 ta' April 2009 fejn gie eccepit illi:

It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici, u dan stante illi fl-ewwel lok, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2149(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

In linea sussidjarja, il-mertu huwa kkontestat.

Kienu l-atturi li unilateralment u minghajr ebda raguni valida kienu waqqfu mix-xogholijiet.

It-tower crane qatt ma nkera mis-socjetà attrici, u certament ma sofriet ebda danni fir-rigward tal-istess, u dan stante illi kien digà proprjetà tal-istess socjetà attrici, li abbuzivament, u minghajr ebda awtorizazzjoni tal-esponenti, qabdet u zarmat l-

istess crane, u issa qeghda tipprova, bl-aktar mod abbuziv, tagixxi b'mod li tiehu vantagg skorrett u indebitu mill-esponenti fir-rigward tal-istess.

Is-socjetà attrici kellha l-obbligu li timminimizza d-danni, li madankollu jridu jigu ppruvat sal-grad rikjest mill-Ligi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà kjamata fil-kawża Medart Co Ltd li ġiet ippreżentata fit-22 ta' Mejju 2009 fejn gie eccepit illi:

It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici u dan stante illi fl-ewwel lok, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2149(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-socjetà attrici triq tipprova r-relazzjoni guridika bejnha u l-eccipjenti.

In linea sussidjarja, il-mertu huwa kkontestat.

Kienu l-atturi li unilateralment u minghajr ebda raguni valida kienu waqqfu mix-xogholijiet.

It-tower crane qatt ma nkera mis-socjetà attrici, u certament ma sofriet ebda danni fir-rigward tal-istess, u dan stante illi kien digà proprjetà tal-istess socjetà attrici, li abbuzivament, u minghajr ebda awtorizazzjoni tal-esponenti, qabdet u zarmat l-istess crane, u issa qeghda tipprova, bl-aktar mod abbuziv, tagixxi b'mod li tiehu vantagg skorrett u indebitu mill-esponenti fir-rigward tal-istess.

Is-socjetà attrici kellha l-obbligu li timminimizza d-danni, li madankollu jridu jigu ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavits u d-dokumenti ppreżentati.

Semgħet ix-xiehda prodotta.

Rat in-noti tas-sottomissjonijiet.

Rat l-atti kollha tal-proċess.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Illi l-fatti li taw lok għal din il-vertenza huma dawn:

Fit-22 ta' Marzu 2005[1] sar ftehim ta' appalt bejn Paul Debattista (magħruf bħala s-sid) u Joe Chetcuti f'isem J&C Contractors Ltd (magħruf bħala l-kuntrattur) li kien jirrigwarda l-bini ta' blokka kummerċjali konsistenti fi tlett sulari taħt il-livell tat-triq u tlett sulari oħra 'l fuq mit-triq. Ix-xogħlijiet kellhom jiġu esegwiti fis-sit magħruf bin-numri 126, 126a u 127 fi Pjazza Paola, Raħal Ġdid. Ġara li fl-10 ta' Ġunju 2005, waqt li kien għaddej ix-xogħol taħt id-direzzjoni tal-perit inkarigat, inħarġet *enforcement notice* mill-MEPA u l-kuntrattur (is-soċjetà attriċi) ġie ordnat jieqaf mix-xogħol.

Is-soċjetà attriċi fir-rikors ġuramentat tagħha tispjega li in segwitu għall-*enforcement notice*, fejn kellha twaqqaf ix-xogħlijiet li kienet qegħda tagħmel, hija qatt ma ngħatat struzzjonijiet mill-periti sabiex tkompli bix-xogħlijiet. Issostni li l-konvenut kiser il-kundizzjonijiet tal-kuntratt: fl-ewwel lok għaliex ma kellux il-permessi rikjesti mill-awtoritajiet konċernati fir-rigward tax-xogħlijiet li huwa inkarigaha biex tesegwixxi, u fit-tieni lok għaliex naqas li jħallas entro t-terminu miftiehem il-prezz bilanċjali tax-xogħlijiet li kienu ġew esegwiti (fl-ammont ta' Lm3,500). Hija tispjega li in oltre bħala konsegwenza ta' dan kollu hija sofriet danni sostanzjali fl-ammont ta' Lm7982.80.

Il-konvenut da parti tiegħu jsostni li l-ebda ammont ma hu dovut lis-soċjetà attriċi, u dan għaliex kienet is-soċjetà attriċi li

[1] Kuntratt ta' appalt esebit a fol 5-10 tal-proċess

kkaġunat danni lilu. Fil-fatt huwa fir-risposta ġuramentata tiegħu ipprevalixxa ruħu mill-fakolta li taghtih il-liġi sabiex iressaq kontro-talba fejn jilmenta li kienet is-soċjetà rikonvenzjonata li ikkaġunatlu d-danni meta "abbandunat" il-kuntratt ta' appalt li kellha miegħu u għalhekk talab li tiġi kkundanata tħallas id-danni likwidati occorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

Din il-qorti ser tibda biex tikkunsidra l-eċċezzjonijiet preliminari.

**L-eċċeżżjoni preliminari tal-kjamat fil-kawża John Debattista *proprio*:**

Fl-4 ta' Mejju 2006 John Debattista ġie kjamat fil-kawża f'ismu proprju u xahar wara, fis-6 ta' Ġunju 2006 ġie kkonfermat bħala kuratur biex jirrappreżenta lill-assenti ħuh Paul Debattista.

John Debattista *proprio* eċċepixxa preliminarjament illi huwa mhux il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante li huwa mhux parti għall-kuntratt ta' appalt tat-22 ta' Marzu 2005, li huwa mertu tal-kwistjoni odjerna.

Din il-qorti ssib li din l-eċċezzjoni ta' John Debattista hija fil-fatt fondata għaliex il-kuntratt in kwistjoni sar propju bejn ħuh Paul Debattista u Joe Chetcuti f'isem J & C Contractors Ltd u għaldaqstant John Debattista f'ismu proprju ma għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà rikorrenti.

**L-eċċezzjonijiet preliminari tas-soċjetà rikonvenzjonata J & C Contractors Ltd għall-kontro-talba ta' John Debattista bħala kuratur ta' ħuh Paul Debattista:**

Is-soċjetà J & C Contractors Ltd eċċepiet fl-ewwel (1) lok li hija m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetajiet Medart u MPD Ltd stante li hija qatt ma trattat jew innegozjat magħhom, u l-konvenut rikonvenzjonant qatt ma nformaha li l-proprjetà

hija ta' dawn is-soċjetajiet anzi dejjem ippreżenta ruħu flimkien ma' Paul Debattista fil-kwalità personali tagħhom.

Eċċepiet ukoll fit-tieni lok (2) li kemm-il darba l-proprjetà u l-proġett in kwistjoni jappartjenu lil dawn iż-żewġ soċjetajiet, il-kontro-talba hija bla bażi ġuridika stante li Paul Debattista f' ismu proprju m'għandux *locus standi* f' dawn il-proċeduri.

Jidher li dawn l-eċċezzjonijiet tqajmu peress li fid-dikjarazzjoni ġuramentata tar-risposta ġuramentata tiegħu għar-rikors ġuramentat tas-soċjetà J & C Contractors Ltd, John Debattista *proprio et nomine* spjega li s-sidien tal-fondi 126, 126a u 127 Pjazza Paola, Raħal Ġdid (fejn kellha tinbena l-blokka kummerċali mertu tal-kawża) hija proprjetà tas-soċjetajiet MPD Ltd u Medart Ltd. Spjega li dawn is-soċjetajiet jappartjenu lill-aħwa Debattista iżda filwaqt li hu (John) huwa azzjonista, ħuh Paul huwa s-segretarju u mhux azzjonista. Fil-kontro-talba qal li Paul Debattista kien ġie inkarigat mis-soċjetajiet Medart Ltd u MPD Ltd sabiex imexxi x-xogħol ta' kostruzzjoni fil-fondi 126, 126a u 127.

Din il-Qorti però tosserva li irrispettivament minn ta' min hija l-proprjetà li qegħda tiġi żviluppata, l-kuntratt tal-appalt sar bejn is-soċjetà J & C Contractors Ltd u Paul Debattista personalment. Di più fuq il-kuntratt Paul Debattista ġie indikat bħala "s-Sid". Kif korrettement issostni s-soċjetà J & C Contractors Ltd hija m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetajiet MPD Ltd u Medart Ltd iżda ma Paul Debattista. Però l-kontro-talba effettivament hija magħmula minn John Debattista f' isem ħuh Paul Debattista u mhux minn dawn is-soċjetajiet u għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà J & C Contractors Ltd (li hija m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetajiet Medart u MPD Ltd) hija irrilevanti.

Daqstant ieħor hija irrilevanti t-tieni eċċezzjoni tagħhom li kemm-il darba l-proprjetà u l-proġett in kwistjoni jappartjenu lil dawn iż-żewġ soċjetajiet, il-kontro-talba hija bla bażi ġuridika stante li Paul Debattista f'ismu proprju m'għandux *locus standi* f' dawn il-proċeduri. Anke jekk Paul Debattista mhux is-sid tal-proprjetà iżda kien biss inkarigat mis-soċjetajiet MPD Ltd u Medart Ltd biex imexxi l-proġett ta' kostruzzjoni, ir-relazzjoni

ġuridika ta' J & C Contractors hija ma' Paul Debattista personalment u għalhekk il-kontro-talba li saret minnu u li hija bbażata fuq il-kuntratt li kellu ma' J & C Contractors hija korretta. Huwa fil-fatt għandu *locus standi* f'dawn il-proċeduri, kemm bħala konvenut u kif ukoll bħala rikonvenzjonant.

**<u>L-eċċezzjonijiet preliminari tas-soċjetajiet kjamati fil-kawża MPD Ltd u Medart Ltd:</u>**

Kemm is-soċjetà MPD Ltd (li ġiet kjamata fil-kawża fit-22 ta' Jannar 2009) u kif ukoll is-soċjetà Medart Ltd (li ġiet kjamata fil-kawża fit-12 ta' Frar 2009) it-tnejn eċċipew il-preskrizzjoni tal-azzjoni fil-konfront tagħhom abbażi tal-Artikolu 2149(a) tal-Kodiċi Ċivili.

Dan l-Artikolu 2149 jistipula hekk:

> *"L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn:*
> *(a) l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta' xogħlijiet oħra ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu:*
> *……"*

Jidher li t-talbiet attriċi fil-konfront tas-soċjetajiet MPD Ltd u Medart Ltd in kwantu jirrigwardaw il-ħlas għax-xogħliiet esegwiti minnha huma fil-fatt preskritti abbażi ta' dan l-artikolu għaliex għaddew iktar minn sentejn bejn meta dawn ġew dovuti lis-soċjetà attriċi (il-kuntrattur) u meta hija fittxet lill-imsemmija soċjetajiet.

Ghar-rigward tal-mertu, tqum il-kwistjoni dwar min kien jaħti għall-fatt li waqfu x-xogħlijiet u dwar x' danni huma dovuti lil min.

It-teżi tas-soċjetà attriċi hija li t-tort kien tal-konvenut għaliex ma kienx kiseb il-permessi neċessarji mill-awtoritajiet konċernati u għalhekk bħala konsegwenza ta' dan hija kienet

kostretta li tieqaf mix-xogħlijiet u għalhekk (barra l-ħlas li fadlilha tieħu tax-xogħol li għamlet) għandha titħallas tad-danni konsegwenzjali. Il-konvenut invece jsostni li kienet is-soċjetà attriċi li "abbandunat" ix-xogħol u li konsegwentement għandu jitħallas tad-danni li sofra bħala riżultat ta' tali abbandun.

Din il-qorti eżaminat bir-reqqa l-verżjonijiet tal-kontendenti u tax-xhieda tagħhom f'dan ir-rigward:

Joseph Chetcuti fl-affidavit tiegħu[2] xehed li fil-laqgħat li kellu għand il-perit qabel u sakemm ġie ffirmat il-kuntratt ta' appalt, dejjem deher Paul Debattista u qatt ma semma li kien qed jaġixxi għan-nom ta' xi ħadd ieħor jew għan-nom ta' xi kumpaniji.

Huwa jispjega li x-xogħol kien jinvolvi tqattiegħ ta' art u bini. Jgħid li l-kuntratt ta' appalt in kwistjoni kien prinċiparjament jikkonsisti fil-bini ta' sitt sulari (taħt il-livell tat-triq u fuq il-livell tat-triq). Fir-rigward tat-tqattiegħ tal-art jgħid li dan sar minn ċertu Ġanni Bonavia u qabel ma t-tqattiegħ spiċċa kienu għamlu żewġ *site meetings* mal-perit fejn kien hemm preżenti l-konvenut. Jispjega li fl-intervall ġie armat tower crane u kemm il-materjal li kien jifforma r-rampa għal ġol-ħofra kif ukoll it-tqattiegħ tal-metru l-ieħor blat tellgħuh huma bil-crane senza interessi. Jispjega li dan ix-xogħol ħadilhom xi tlett ġimgħat iżda tiegħu ma tħallsux għaliex ma kienx parti mill-kuntratt.

Huwa impjega lil ċertu Costantino Borg bħala sub-kuntrattur, sabiex jaħdem fuq il-lant tax-xogħol bl-imqieta. Jispjega li kien ilhom jaħdmu madwar xahar u nofs, u kien proprju wara li kienu saqqfu l-ewwel sular taħt il-livell tat-triq u bnew xi ħames filati mit-tieni sular meta marru żewġ uffiċjali tal-MEPA u ordnaw lil Costantino Borg biex jieqaf mix-xogħol u jiġbor l-għodda. Qal li anke għaddielu l-mobile u kellem lill-uffiċjali hu stess u *"jiena ukoll personalment ġejt ukoll ordnat fuq il-mobile sabiex ma nkomplix għaddej bix-xogħlijiet għaliex ma kienx hemm permessi."*

---
[2] Affidavit ta' Joseph Chetcuti, fol 108-113

Wara li tkellem mal-perit Lino Cachia baqgħu li dan tal-aħħar kellu jipproċedi sabiex jissanzjona s-sitwazzjoni u kellu jinfurmah. Chetcuti jikkonferma li sadanittant kien ħareġ kont tal-ewwel sular u kien tħallas is-somma ta' Lm10,000. Xehed li wara xi ħmistax-il ġurnata kien ċempillu l-konvenut u qallu biex ikomplu bix-xogħol iżda meta kien kellem il-perit Cachia qallu *"għalissa tkompli xejn qabel ngħidlek jien."* Huwa jispjega li kien preokkupat minħabba l-crane u informa lill-perit li ma setax jistenna fit-tul għaliex il-kera tal-crane kienet għadha għaddejja.

Meta l-konvenut u l-perit ikkonfermawlu li kollox kien sew u seta' jkompli, jgħid li kellu jqabbad sub-kuntratturi oħra għaliex Costantino Borg kien telaq. *"Xi ħmistax-il ġurnata jew tlett ġimgħat wara li erġajna bdejna x-xogħol, reġgħu marru fuq il-post uffiċjali tal-MEPA u hemm sabu lis-subcontractors tiegħi Johann Spiteri u Carmelo Spiteri. Konna kważi bnejna t-tieni sular u wasalna għas-saqaf, u l-uffiċjali tal-MEPA għal darb' oħra ordnaw li x-xogħol jieqaf u ordnawlna nabbandunaw is-site*." Jispjega li kien kellem lil dawn l-uffiċjali fuq il-mobile u *"Dawn ordnawli nieqaf mix-xogħol u heddewni li jekk ma kontx ser nieqaf kienu ser jassoġġettawni għal multi u jikkonfiskawli l-għodda."*

Jispjega li wara li twaqqaf it-tieni darba ċempel lill-konvenut Paul Debattista u infurmah li ma setax aktar jassumi l-ħlasijiet tal-crane u li jekk ma kienx ser iħallas huwa, kien bi ħsiebu jżarmah biex ma tkomplix għaddejja l-kera tiegħu. *"Paul Debattista qalli biex ma nżarma xejn għaliex skont hu aktar minn xahar u nofs ma konniex se ndumu."* Jgħid li kienu marru t-tnejn għand Raymond Gauci tal-Y & P Marketing Ltd biex jitolbuh iraħħas il-kera tal-crane minħabba c-cirkostanzi. Fil-fatt raħħsilhom biss Lm10 fil-ġimgħa u cioé minn Lm150 għal Lm140 (VAT mhux inkluż) sakemm ix-xogħol jibqa' wieqaf. Jgħid li peress li Debattista kien qallu li skont il-perit l-permess ma kienx ser idum iktar minn xahar u nofs ma joħroġ, *"Jiena u l-konvenut Paul Debattista ftehmna li allura l-ispejjeż tal-kera tat-Tower crane għal dak ix-xahar u nofs kellhom jinqasmu, u cioé bl-ewwel tlett ġimgħat spejjeż tiegħi u t-tieni tlett ġimgħat spejjeż tiegħu*." Jgħid li ftehmu li jekk idumu aktar minn xahar u nofs ma joħorġu l-permessi, kwalsiasi spejjeż

ulterjuri in konnessjoni mal-crane sakemm idum wieqaf ix-xogħol kellu jħallashom il-konvenut.

Jgħid li s-sid tal-crane kien jippressaħ biex iħallas l-arretrati iżda għalkemm kien ipprova jfittex lill-konvenut baqa' ma sabux. Jispjega li sussegwentement sar jaf li Paul Debattista kien ġie sentenzjat fl-Olanda fuq każ ta' drogi u għadu jservi s-sentenza barra minn Malta. Jilmenta li John Debattista beda jinsisti li l-crane kellu jħallsu kollu hu (Chetcuti). "*Naturalment jiena ċħadt li kelli nħallas il-kera għal dak il-perjodu kemm kien ilu wieqaf il-crane, peress li l-waqfien ma kienx tort tiegħi. Kull ma kelli nħallas biss kien tal-ewwel tlett ġimgħat…*"

Jispjega li l-perit kien laħaq ħareġ żewġ kontijiet: wieħed datat 4 ta' Lulju 2005 fl-ammont ta' Lm21,417.11[3] (li minnhom tħallsu Lm20,000 u għalhekk fadal bilanċ ta' Lm1,417.11) u ieħor datat 6 ta' Jannar 2006 fl-ammont ta' Lm1,211.01[4]. Jispjega li ma dawn wieħed irid iżid Lm551 spejjeż ta' sena insurance, Lm400 permessi tal-Kunsill Lokali, Lm5,050.40 kera tal-crane (mingħajr it-tlett ġimgħat li assumihom hu kif miftiehem), Lm1,500 spejjeż taż-żarmar tal-crane u Lm153,40 spejjeż tat-tkissir tal-platform tal-konkos tal-crane: Total ta' Lm10,282.92. Fil-kont maħruġ mis-soċjetà attriċi, Dok C[5] imbagħad hemm ukoll miżuda l-VAT fir-rigward tal-crane, it-tkissir tal-platform u ż-żarmar fl-ammont ta' Lm1,206.68 li jġibu t-total għal <u>Lm11,489.60</u>.

Raymond Gauci (direttur tal-Y & P Marketing (Malta) Ltd) fl-affidavit tiegħu[6] jispjega li f' Marzu 2005 kien kera tower crane lil J & C Contractors Ltd bir-rata ta' Lm150 fil-ġimgħa u li beda jitħallas mis-6 ta' April 2005 meta l-kumpanija tiegħu armat il-crane. Jikkonferma l-verżjoni ta' Joseph Chetcuti li l-kuntrattur kien twaqqaf mill-MEPA milli jkompli bix-xogħlijiet għal diversi xhur. Jispjega li bejn is-6 ta' April 2005 u d-9 ta' Ġunju 2005 tħallas is-somma ta' Lm150 fil-ġimgħa mingħand J&C Contractors Ltd (bil-VAT mhux inkluż u li għandu jiġi inkluż) u

---

[3] Dok A fol 134-138

[4] Dok B fol 139

[5] Dok C fol 140

[6] Affidavit ta' Raymond Gauci, fol 61

bejn l-10 ta' Ġunju 2005 u d-9 ta' Jannar 2006 tħallas is-somma ta' Lm140 fil-ġimgħa (bil-VAT mhux inkluż u li għandu jiġi inkluż). Jgħid li Paul Debattista kien talbu biex inaqqas il-kera tal-crane diment li x-xogħol kien wieqaf u kien aċċetta li jnaqqas il-kera b'Lm10 fil-ġimgħa għall-perjodu meta ma kienx qed jintuża. Jgħid li tħallas Lm1500 għall-armar u Lm1500 għaż-żarmar tal-crane. Jikkonferma li huwa dejjem lil J&C Contractors Ltd kien jaf u mhux lil Paul Debattista għall-ħlas tal-kera. Jgħid ukoll li meta kienu twaqqfu x-xogħlijiet Paul Debattista fil-preżenza tiegħu kien wiegħed lil Joe Chetcuti li sakemm il-crane kien se jdum wieqaf kien se jagħmel tajjeb għall-kera hu.

Costantino Borg fl-affidavit tiegħu[7] jikkonferma li għall-ħabta ta' April 2005 kien ġie imqabbad minn J & C Contractors Ltd biex jaħdem fuq il-proġett li kien għaddej Raħal Ġdid. Jgħid li wara li kienu ilhom jaħdmu madwar xahar u nofs u kien laħaq tela' l-ewwel sular u beda jinbena t-tieni wieħed, "*...kienu avviċinawni fuq is-site żewġ persuni, mara u raġel, li kienu identifikaw ruħhom miegħi bħala uffiċjali tal-MEPA. Niftakar li dak in-nhar kienu ordnaw lili u lill-impjegat tiegħi sabiex nitilgħu mill-ħofra fejn konna qegħdin naħdmu u ma nkomplux ix-xogħol, peress li skont huma ma kienx hemm permessi tal-bini maħruġa mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Kienu qaluli wkoll sabiex niġbor l-għodda u nitlaq mill-post għaliex kienu ser jagħlqu x-xatba li kienet tagħlaq is-site fejn kien qiegħed isir il-kostruzzjoni. Ngħid illi jiena obdejt dawn l-ordnijiet u infurmajt b'dak li ġara lili Joe Chetcuti ta' J & C Contractors Ltd*."

Carmelo Spiteri u Johann Spiteri (missier u iben) fl-affidavits tagħhom[8] jikkonfermaw illi kienu qed jaħdmu bħala sub-kuntratturi fuq il-proġett in kwistjoni. Jikkonfermaw li kien ilhom jaħdmu ħmistax-il ġurnata fuq il-lant tax-xogħol meta kienu ġew imwaqqfa minn żewġ uffiċjali tal-MEPA. "*Kienu qalulna li jekk ma nitilgħux mill-ħofra fejn konna qegħdin naħdmu u nitilqu minn fuq is-site kienu sejrin iġibulna l-*

[7] Affidavit ta' Raymond Gauci, fol 61

[8] Affidavits ta' Carmelo Spiteri u Johann Spiteri, fol 65 u 66

*pulizija."*

Il-perit Lino Cachia fl-affidavit tiegħu[9] jispjega li fi Frar 2005 huwa kien avviċina lil-Joseph Chetcuti tas-soċjetà attriċi għan-nom tal-klijent tiegħu il-konvenut sabiex joffrilu jidħol għal biċċa xogħol ta' kostruzzjoni f' Raħal Ġdid. Jgħid li kien hu li pprepara l-kuntratt tal-appalt u li l-prezz miftiehem kien jinkludi xogħlijiet u materjal tal-bini, kompriż ukoll l-ispejjeż li kien jirrikjedi l-proġett.

Huwa jikkonferma li kien ħareġ il-kontijiet fl-4 ta' Lulju 2005 fl-ammont ta' Lm21,417.11 u fis-6 ta' Jannar 2006 fl-ammont ta' Lm1,211.01. Jgħid li ħarġihom wara li kien sar il-kejl tax-xogħlijiet li kienu saru. Jikkorrobora dak li jgħid Joseph Chetcuti dwar ix-xogħlijiet ta' tindif u taħmil ta' parti mis-sit li kienet għamlet is-soċjetà attriċi permezz tal-crane, u cioé fis-sens illi tali xogħlijiet ma ġewx inklużi fil-kontijiet.

Jgħid li *"f'Ġunju 2005 inħarġet enforcement notice mill-MEPA u l-kuntrattur kien ġie ordnat jieqaf mix-xogħol. L-enforcement notice kienet ħarġet għaliex sar tqattiegħ fuq parti mis-site aktar minn dak li kien ġie approvat mill-MEPA….Ngħid li l-enforcement notice kienet oriġinarjament u uffiċjalment inħarġet mill-MEPA fid-9 ta Ġunju 2005 (Dok LC5) waqt li s-sanctioning u l-pjanti ġodda kienu ġew approvati fit-12 ta' Jannar 2006 (ara Dok LC6). Ngħid illi matul dana l-perjodu bejn meta nħareġ l-enforcement notice sakemm imbagħad ħarġu l-permessi l-ġodda ma setax jitkompla x-xogħol mill-kuntrattur u dana b'ordni tal-uffiċjali tal-MEPA. Ngħid illi meta nqalgħet din il-kwistjoni Joe Chetcuti ta' J&C Contracts Ltd kien infurmani li f' diversi okkażjonjiet kienu marru uffiċjali tal-MEPA fejn ordnawlu li jieqaf mix-xogħol."*

Fir-rigward tal-crane jgħid hekk: *"…fil-mument li l-kuntrattur twaqqaf mill-MEPA milli jkompli għaddej bix-xogħol il-kuntrattur kien kostrett jeħel intortament spejjeż tat-tower crane liema spejjeż ma kinux naturalment inklużi fil-kwotazzjonijiet li kien oriġinarjament ftehem fuqhom il-kuntratttur. Ngħid illi l-kuntrattur kien stenna għal xi żmien*

[9] Affidavit tal-perit Lino Cachia, fol 159-160

*bit-tama li jinħareġ il-permess tas-sanzjonar iżda peress illi l-aħwa Debattista kienu naqsu li jħallsu għall-ispejjeż tat-tower crane kemm dam wieqaf, kien iddeċieda li jżarma t-tower crane u jieqaf mix-xogħol. Il-kuntrattur kien qalli li huwa kien qed jeħel il-kera tiegħu għal xejn."*

Jispjega li għalkemm ħarġu l-permessi f'Jannar 2006 ix-xogħlijiet ma tkomplewx u huwa twaqqaf milli kompli jieħu ħsieb il-proġett u fil-fatt ġie inkarigat perit ieħor.

John Debattista fid-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu[10] jispjega li wara li s-soċjetà attriċi bdiet tesegwixxi x-xogħlijiet skont il-ftehim ta' appalt, fis-sajf tal-2005 ħarġet *enforcement notice* u x-xogħol twaqqaf. Jgħid li f' dak l-istadju kien tlesta l-bini sat-tieni sular tal-basement u baqa' ma ngħatax is-saqaf. Jgħid li qatt ma kien issemma' li kellu jintuża tower crane. Jgħid li meta x-xogħol kien wieqaf, għalkemm ħuh Paul kien qal lil Joe Chetcuti biex iżarma l-crane, dan qallu li ma kienx jaqbel.

Jgħid li peress li l-enforcement order ħarġet minħabba xogħlijiet relatati mal-basement *"aħna avviċinajna lill-kuntrattur u tlabnih ikompli bix-xogħol fuq in-naħa ta' barra tas-sit. Joe Chetcuti madanakollu qal illi ma kienx hemm xogħol ta' aktar minn wieħed u għoxrin jum u allura ma kienx vijabbli għalih li jagħmel dan il-ftit xogħol."*
Fir-rigward tal-kontijiet, jgħid li tħallsu Lm20,000.

Jispjega li f' Novembru 2005 kien informa lill-kuntrattur li l-applikazzjoni tagħhom mal-MEPA kienet se tiġi diskussa mill-bord fit-12 ta' Jannar 2006 u li r-rakkomandazzjoni kienet li għandha tiġi approvata. Qal li fit-23 ta' Diċembru 2005 kien avviċina lill-kuntrattur mill-ġdid u dan kien qallu li kien se jkompli wara l-festi. Jispjega li fit-3 ta' Jannar 2006 ċempel lill-kuntrattur u dan qallu li ried il-bilanċ kollu dovut għax-xogħol u anke talbu jħallsu l-ispejjeż tal-crane.

Jgħid li fit-8 ta' Jannar 2006 il-kuntrattur żarma l-crane u abbanduna x-xogħlijiet, erbat ijiem biss qabel mal-Bord kompetenti tal-MEPA ħareġ il-permess skont ir-

[10] Dikjarazzjoni ġuramentata ta' John Debattista, fol 44 et seq

rakkomandazzjoni.

Paul Debattista fix-xiehda tiegħu[11] qal li fi stadju minnhom il-MEPA kienet ħarġet *enforcement notice* fir-rigward tax-xogħol u dan kien peress li kienet tqattgħet biċċa blat li ma kinitx koperta bil-permess. Dwar il-crane qal li l-kuntrattur kien ġabu minn jeddu u li qatt ma kienu ftehmu fuq crane. F'xiehda sussegwenti tiegħu[12] jgħid li meta qabbad lil J & C Contractors ma kien hemm ebda ftehim dwar tower cranes u għalhekk ma jidħolx fl-ispejjeż tal-armar u taż-żarmar. Jispjega li meta ħareġ l-enforcement notice sema' l-ewwel darba li l-crane kien mikri. *"F'dak l-istadju kien qalli li f' 6 ġimgħat għandu joħroġ il-permess. Għamilna ftehim illi f' dawk is-sitt ġimgħat nagħtih nofs il-kera bil-kundizzjoni li jkompli. Għaddew is-6 ġimgħat u l-permess ma ħariġx….Għandi ngħid li mhux talli m'għamilniex ftehim għal wara dawk is-sitt ġimgħat, talli lanqas rajtu aktar wara…"*

Din il-Qorti wara li rat il-provi kollha mressqa tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet u kunsiderazzjonijiet:

- Irrispettivament minn ta' min hi il-proprjetà in kwistjoni, il-ftehim ta' appalt tat-22 ta' Marzu 2005 ġie ffirmat bejn is-soċjetà J & C Contractors Ltd u Paul Debattista u għalhekk ir-relazzjoni ġuridika hija bejniethom. Fis-sentenza mogħtija fil-5 ta' Ottubru 2001 fil-kawża "Bonsons Ltd vs AIC Catherine Galea", il-Qorti tal-Appell irriferiet għad-deċiżjoni tagħha mogħtija fis-6 ta' Ottubru 1999 fl-ismijiet "Lawrence Formosa nomine et nomine vs Silvio Felice" fejn kienet irriteniet illi:

  *"Il-kuntratt ta' l-appalt ma jista' jiġi bl-ebda mod relatat mal-proprjetà tal-fond li fih ix-xogholijiet kellhom jiġu, kif fil-fatt ġew, esegwiti. Ġustament allura l-ewwel Qorti kkonsidrat illi salv prova kuntrarja r-relazzjoni guridika li tinħoloq bi ftehim ta' appalt, kienet wahda personali mhux relatata mal-fond u konsegwentement il-presunzjoni "iuris tantum" kellha tkun illi min jikkuntratta kien qiegħed*

[11] Xiehda tal-konvenut Paul Debattista, 22.01.2009, fol 193-194

[12] Xiehda tal-konvenut Paul Debattista, 13.10.2010, fol 292-293

*jikkuntratta f'ismu personalment. Prova kuntrarja naturalment kellha tispetta lill-persuna li kien qed jidher f'isem u ghan-nom ta' persuna ohra. Dan mhux biss kellu jipprova li hu kien qieghed jaġixxi bhala mandatarju ta' haddiehor imma wkoll kellu jipprova illi tali fatt kien gie a konoxxenza tal-persuna li maghha ikun qieghed jikkontratta u dana sal-mument meta l-ftehim ikun gie finalizzat".*

Fil-każ odjern Joseph Chetcuti, id-direttur tas-soċjetà attriċi xeħed illi fiż-żewġ laqgħat li kienu saru għand il-perit qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt ta' appalt u sakemm fil-fatt ġie ffirmat il-kuntratt "*deher Paul Debattista u qatt ma ssemma li huwa kien qieħed jaġixxi għan-nom ta' xi ħadd ieħor jew kumpaniji tiegħu."* Fil-fatt anke fuq il-kuntratt tal-appalt ġie indikat bħala "s-sid".

- Fost affarijiet oħra fil-kuntratt ta' appalt ġie miftiehem li x-xogħol kellu jitlesta fi żmien sitt (6) xhur minn meta jinbeda x-xogħol u li jekk ix-xogħol ikollu jieqaf għal raġunijiet għajr dik tal-maltemp l-ordni biex jitkompla x-xogħol tiġi maħruġa mill-perit bil-miktub.

- Ġie miftiehem ukoll li Paul Debattista kellu jħallas lil J & C Contractors Ltd il-kont kif maħruġ mill-perit sa mhux aktar tard minn 30 jum mid-data tal-kont.

- Ix-xogħol beda' f' April 2005 u twaqqaf fl-10 ta' Ġunju 2005 <u>għaliex ma kienx kopert bil-permessi neċessarji</u>. Kien imbagħad seba' (7) xhur wara, u cioé fit-12 ta' Jannar 2006 li l-pjanti ġew approvati. Tul dan iż-żmien (kuntrarjament għal dak li jsostni l-konvenut Paul Debattista) s-soċjetà konvenuta kienet kostretta mill-awtoritajiet li ma tesegwixxix ix-xogħlijiet skont kif miftiehem fil-kuntratt.

- Erbat (4) ijiem qabel ma ħarġu l-permessi (u cioé wara li s-soċjetà attriċi kien ilha wieqfa intortament għal seba' (7) xhur) is-soċjetà attriċi kienet ħadet id-deċiżjoni li tieqaf definittivament u fil-fatt żarmat it-tower crane. Sa tali data qatt ma ngħatat struzzjonijiet mill-periti inkarigati

mix-xogħlijiet sabiex tkompli bix-xogħol skont kif provdut ai termini tal-Artikolu 4 tal-kuntratt ta' appalt.

- Fil-fehma ta' din il-Qorti tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ din id-deċiżjoni tas-soċjetà attriċi li żżarma l-crane u tieqaf definittivament ma tammontax għal "abbandun" da parti tas-soċjetà attriċi u tqis invece li tali aġir kien ġustifikat. Dan qed jingħad għal żewġ raġunijiet:

    - fl-ewwel lok għaliex ix-xogħol ta' tqattiegħ li sar qabel ma daħlet fix-xena s-soċjetà attriċi <u>kien jinvolvi biċċa art li ma kinitx koperta bil-permessi</u> u b'konsegwenza ta' dan inħarġet l-*enforcement notice* li waqqfet lis-soċjetà attriċi milli tkompli tesegwixxi x-xogħlijiet mifthema. Dan ifisser li Paul Debattista naqas milli jonora l-parti tiegħu tal-ftehim li jipprovdi lis-soċjetà attriċi bil-lant tax-xogħol adegwat sabiex hija tesegwixxi x-xogħol skont il-kuntratt. Anke jekk ir-raġuni għaliex is-soċjetà attriċi effettivament żarmat il-crane fil-bidu ta' Jannar 2006, (ftit jiem biss qabel ma nħarġu l-permessi) jidher li kienet prinċipalment minħabba l-kwistjoni li inqalgħet fuq il-ħlas tal-kera tal-crane, xorta jista' jiġi argumentat illi abbażi tal-massima "*inademplenti non est ademplendum*" hija ma kienitx mistennija tistenna indefinittivament sabiex joħorġu l-permessi biex tkun tista' tonora l-parti tagħha tal-ftehim ladarba l-lant tax-xogħol ma kienx disponibbli għaliha kif suppost kien, abbażi tal-ftehim tal-appalt. Fil-fatt jiġi osservat li l-perjodu ta' waqfien (7 xhur) kien itwal mill-perjodu li fih kellhom jibdew u jintemmu x-xogħlijiet (6 xhur). Issir referenza għas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fil-kawża fl-ismijiet "<u>Carmelo sive Charles Sacco vs Penza Construction Ltd</u>"[13] fejn il-qorti insenjat hekk:
    *"Kif drabi oħra gie ritenut "l-appaltant li jqiegħed lill-appaltatur f'posizzjoni li dan ma jkunx jista' jesegwixxi l-kuntratt ikun qiegħed ixolji l-kuntratt ta'*

[13] Deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Frar 2004, Imħallef Philip Sciberras.

*l-appalt daqs kemm kieku jkun keċċa lill-appaltatur" (Kollez. Vol. XLVI P I p 443);"*

- fit-tieni lok għaliex fir-rigward tal-ewwel kont maħruġ mill-perit fl-4 ta' Lulju 2005 fl-ammont ta' Lm21,417.11 baqa' bilanċ ta' Lm1417.11 u skont l-Artikolu 5 tal-kuntratt ta' appalt, Debattista obbliga ruħu li jħallas il-kont kif maħruġ mill-perit sa mhux aktar tard minn 30 jum u "*F'każ li dan ma jsirx, il-kuntrattur ikollu dritt jieqaf milli jkompli x-xogħol*." Il-bilanċ baqa' qatt ma tħallas. Il-konvenut fis-sottomissjonijiet tiegħu[14] jargumenta li huwa ħallas 80% mill-ewwel kont skont il-ftehim. Il-ftehim però ma jgħidx li Paul Debattista kellu jħallas 80% mill-kont iżda jgħid invece li s-soċjetà attriċi kienet intitolata li tirċievi paġamenti akkont ta' 80% <u>tal-valur tax-xogħliljiet attwalment imqegħda</u> skont il-kontijiet tax-xogħol maħruġa mill-perit. Dan ifisser Ii setgħu joħorġu kontijiet fir-rigward ta' 80% tal-valur tax-xogħljiet u mhux li l-konvenut kellu jħallas 80% mill-kontijiet. Fil-fatt aktar 'l isfel fil-klawsola numru 5 huwa obbliga ruħu "*li jħallas lill-kuntrattur il-kont **kif maħruġ mill-perit** sa mhux aktar tard minn tletin ġurnata wara d-data tal-kont"* u fin-nuqqas ta' dan il-kuntrattur ikollu dritt jieqaf mix-xogħol. (enfasi tal-qorti).

- Dwar il-crane u l-argument tal-konvenut li qatt ma kien hemm ftehim fuqu, din il-qorti tirreferi għax-xiehda ta' Joseph Chetcuti (li hija kkorroborata minn Raymond Gauci, d-direttur stess tas-soċjetà Y & P Marketing (Malta) Ltd, is-soċjetà li mingħandha kera t-tower crane in kwistjoni. Jirriżulta li fiż-żmien li x-xogħol kien wieqaf, kemm Joseph Chetcuti u kif ukoll Paul Debattista kienu marru personalment ikellmu lil Raymond Gauci. Gauci fl-affidavit tiegħu jgħid li "*Dak in-nhar Paul Debattista beda' jargumenta miegħi sabiex innaqqas il-kera tal-crane diment li l-crane kien wieqaf mix-xogħol.....Paul Debattista quddiemi, lil Joe Chetcuti għan-nom ta' J & C Contractors*

[14] Nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut Paul Debattista, fol 639 et seq

*Ltd kien wegħdu li sakemm il-crane kien ser idum wieqaf kien ser jagħmel tajjeb għall-kera tiegħu hu. Kien wara li saret dina d-dikjarazzjoni verbali minn Paul Debattista li jiena aċċettajt li nnaqqas il-kera minn Lm150 għal Lm140 fil-ġimgħa (VAT mhux inkluż, f'liema każ il-VAT kellu ukoll ikun miżjud) u dana għall-perjodu kemm idum wieqaf ix-xogħol, iżda bil-kundizzjoni li jiena dejjem naf lil J & C Contractors Ltd u mhux lil Debattista għall-ħlas tal-kera."* Dan kollu jikkonferma li l-kera tal-crane kien bil-kunsens ta' Paul Debattista, anke jekk oriġinarjament l-istess Paul Debattista ma kienx konsapevoli tal-fatt li J & C Contractors kienu krew crane in konnessjoni max-xogħlijiet. U skont il-ftehim verbali li sar quddiem Raymond Gauci, kien Paul Debattista li kellu jħallas għall-kera tal-crane għall-perjodu li x-xogħol dam wieqaf, ħlief, kif ftehmu, għall-ewwel tlett ġimgħat, li aċċetta li jagħmel tajjeb għalihom Joseph Chetcuti.

Għal dawn ir-raġunijiet jirriżultaw fondati t-talbiet tas-soċjetà attriċi in kwantu tallega li l-konvenut kiser il-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' appalt u li għandu jħallasha l-bilanċ tal-prezz dovut lilha għax-xogħlijiet li laħqet esegwiet, u wkoll għad-danni li sofriet bħala konsegwenza li kellha tħallas il-kera tal-crane kollu hi.

## Ammonti dovuti bħala ħlas tax-xogħlijiet li ġew esegwiti u spejjeż oħra:

Id-Dokument C[15] fih rendikont tal-ammont ta' **Lm11,489.60** li qed tippretendi s-soċjetà attriċi mingħand il-konvenut:

| | |
|---|---|
| Lm1417.11 | bilanċ mill-ewwel kont tal-perit: Lm21,417.11[16] |
| Lm1211 | it-tieni kont tal-perit[17] |
| Lm 551 | insurance[18] |

[15] Fol 140

[16] Fol 136-138, kont datat 04.07.2005; a fol 103, 104 u 105 jidhru ir-riċevuti tal-VAT li ħarġet is-soċjetà attriċi għall-ħlasijiet re "WORKS AT RAHAL GDID" fl-ammonti ta' Lm4,000, Lm6,000 u Lm10,000 rispettivament u għalhekk il-bilanċ huwa ta' Lm1417.11

[17] Fol 139, kont datat 06.01.2006

Lm 400 permessi mħallsa lill-Kunsill Lokali
Lm5050.40[19] Kera tal-crane kemm dam wieqaf
Lm1500 spejjeż taż-żarmar tal-crane
Lm 153.40 spejjeż tat-tkissir tal-platform
Lm1206.68 VAT re kera tal-crane, żarmar tal-crane u tkissir tal-platform

Fir-rikors ġuramentat tagħha però hija talbet biss il-ħlas tal-ammonti bilanċjali tax-xogħlijiet li ġew esegwiti u ċċertifikati mill-periti Sant & Mugliette fl-ammont ta' Lm3500 u d-danni fl-ammont ta' Lm7982.80 li jidhru li huma marbutin mal-ispejjeż tal-crane li kellha tagħmel tajjeb għalihom hi.

Issa fir-rigward tal-prezz bilanċjali, abbażi taż-żewġ kontijiet imsemmija, dan jammonta għal **Lm2628.11** u mhux Lm3500.

Fir-rigward tal-ispejjeż marbutin mat-tower crane, (li s-soċjetà attriċi tidher li qed tirreferi għalihom bħala danni) skont ir-riċevuti maħruġa mill-Y&P Marketing Ltd jidher li l-kera tiegħu bir-rata ta' Lm140 fil-ġimgħa għaż-żmien li kien wieqaf mill-10.06.2005 sakemm iżżarma fid-09.01.2006 (qabel il-VAT) kien ta' Lm4280.[20] Jekk jitnaqqsu l-ewwel tlett ġimgħat li kellha tagħmel tajjeb għalihom is-soċjetà attriċi (Lm140x3=420) jiġi li l-ammont li kellu jħallas Paul Debattista kien ta' Lm3860. L-ammont li tħallas sabiex jiżżarma l-crane (qabel il-VAT) skont ir-riċevuta kien ta' Lm1271.19. Għalhekk jekk wieħed jgħodd it-Lm3860 u l-Lm1271.19 u jżid l-18%VAT (Lm923.61), jiġi li l-ispejjeż tal-crane li għandu jħallas il-konvenut Paul Debattista jammontaw għal **Lm6054.80**.

Fir-rigward tal-insurance u tal-permessi tal-Kunsill, dawn ma jidhrux li ġew mitluba fir-rikors ġuramentat għaliex apparti l-prezz bilanċjali tax-xogħlijiet imwettqa minnha, is-somma li s-soċjetà attriċi qed titlob in linea ta' danni huwa fl-ammont ta' Lm7982.80, u jekk wieħed jara l-ammont li qegħda titlob in konnessjoni mal-ispejjeż tal-crane skont id-Dok C dan huwa ta'

[18] Fol 79 riċevuta, fol 80-102 Contract Works Policy
[19] Ġie spjegat fuq l-istess document li dan l-ammont kien bir-rata ta' Lm140 fil-ġimgħa mindu waqaf ix-xogħol saż-żarmar tal-crane, bl-ewwel 3 ġimgħat imnaqqsa peress li tal-ewwel 3 ġimgħat assumiethom is-soċjetà attriċi
[20] Ara riċevuti a fol 75 u 76

Lm7910.48. Għalhekk l-ammont ta’ Lm7982.80 li qegħda titlob bħala danni ċertament li ma jinkludix insurance u permessi tal-Kunsill (li skont l-istess Dok C jammontaw għal Lm951) u għalhekk din il-qorti mhux ser tikkunsidrahom.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża billi:

Tilqa’ l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni mressqa mis-socjetajiet kjamati fil-kawza;

Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Paul Debattista;

Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li Paul Debattista kiser il-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta’ appalt datat 22 ta’ Marzu 2005;

Tilqa’ t-tieni talba u tiddikjara x-xoljiment tal-kuntratt ta’ appalt datat 22 ta’ Marzu 2005;

Tilqa’ t-tielet talba limitatament u tiddkjara li l-konvenut Paul Debattista għandu jħallas lis-soċjetà attriċi Lm2,628.11 ((ekwivalenti għal **€6,123.50** (sitt elef mija u tlieta u ghoxrin Ewro u hamsin centezmu)) rappreżentanti l-prezz bilanċjali għax-xogħlijiet esegwiti minnha u ċertifikati mill-periti inkarigati mix-xogħljiet;

Tilqa’ r-raba’ talba limitatament u tikkundanna l-konvenut Paul Debattista sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta’ Lm2,628.11 (ekwivalenti għal **€6,123.50** (sitt elef mija u tlieta u ghoxrin Ewro u hamsin centezmu));

Tilqa’ l-ħames talba limitatament u tiddikjara li minħabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut Paul Debattista, hija sofriet danni fis-somma ta’ Lm6,054.80 (ekwivalenti għal **€14,107.68** (erbatax–il elf mija u seba Ewro u tmienja u sittin centezmu));

Tilqa’ s-sitt talba limitatament u tikkundanna lill-konvenut Paul Debattista jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta’ Lm6,054.80 (ekwivalenti għal **€14,107.68** (erbatax–il elf mija u seba Ewro u tmienja u sittin centezmu));

Tichad il-kontro talba mressqa minn Paul Debattista, ghaliex mhux misthoqqa.

Bl-ispejjeż kif mitluba fir-rikors ġuramentat kontra l-konvenut Paul Debattista.

IMHALLEF

DEP/REG